TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 227/17-F

**James u Salvina Zammit Fava**

**vs**

**Franco Camilleri għan-nom ta' ACO Model SWD**

Illum 19 ta' Ġunju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Diċembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti l-prezz ta' sufan illi wara xi sena u nofs, dan is-sufan inqasam.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu xtraw sufan xi sena u nofs ilu, u wara dan iż-żmien is-sufan beda jinqasam u għalhekk riedu l-flus lura.

L-intimat issottometta illi għalkemm mhux ġilda vera imma synthetic leather, u dan is-synthetic leather irid jintmesaħ bl-ilma biss u dak li ġara mhux tort tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi sufan m'għandux jinqasam u jkollu dawk il-ħsarat kollha f'sena u nofs, u ma tagħmilx differenza jekk il-ġilda hija synthetic leather. Huwa veru li għandu jintmesaħ sew u li ma jkunx mimsuħ b'xi sgrassatore, pero' għat-Tribunal ma jirriżultax li dan kien il-każ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi s-sufan jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**